# *Il-Gwerra fl-Eġittu u feruti fl-isptar ta' Chambray*

***John Cremona***



Ħafna huma dawk li jafu li l-fortizza ta' Chambray intużat għal diversi snin bħala sptar għall-kura tal-mard mentali. Iżda forsi ftit jafu li serva wkoll ta' sptar għas-suldati korruti meta nqala' l-ġlied bejn l-Ingilterra u l-Eġittu fl-1882.

Il-Battalja ta' Tel-el-Kebir saret bejn l-armata Eġizzjana mmexxija minn Ahmed Urabi u l-armata Ingliża minħabba l-irvellijiet li qamu fil-belt ta' Alexandria. Dan ġara wara li flotta magħmula minn bastimenti Ingliżi u Franċiżi waslu fil-port ta' Alexandria. Riżultat ta' dawn l-irvellijiet, il-Gran Brittanja għamlet minn kollox biex tipproteġi l-interessi tagħha fil-pajjiż, b'mod partikolari l-Kanal ta' Suez.

F'din il-battalja ħadu sehem 18,500 suldat min-naħa tal-Ingliżi u 15,000 suldat fuq in-naħa tal-Eġittu. Skont tagħrif uffiċjali, f'din il-battalja mietu 1369 suldat Eġizzjan u 57 suldat Ingliż ġew feruti. Il-*barracks* mibnija fi żmien l-Ordni ġewwa dan il-post kien ġie mħejji biex jilqa' fih bejn 150 u 200 ferut flimkien ma' dawk li jikkurawhom.

L-inċiżjoni li ser nitkellmu fuqha illum, dehret fl-*Illustrated London News* tat-30 ta' Settembru 1882. Turi erba' veduti differenti. Fuq nett naraw veduta ġenerali tal-Forti Chambray, fin-nofs naraw id-djar tal-istaff mediku kif ukoll id-daħla prinċipali tal-fortizza. Fin-naħa t'isfel naraw dehra sabiħa tal-port tal-Imġarr qabel ma tilef is-sbuħija tiegħu bl-iżvilupp.

Il-gazzetta tirrapporta li l-ewwel kontinġent ta' feruti wasal fil-port ta' l-Imġarr fl-4 ta' Settembru fil-ħamsa ta' fil-għaxija. '*Kien hemm ambulanzi u stretchers jistennewhom fuq il-moll. Il-feruti ġew maħsulin u mlibbsin u l-feriti li kellhom ġew ikkurati biex sas-sebgħa ta' fil-għaxija ħadu t-te bil-kumdità... It-tieni kontinġent ta' feruti wasal fil-12 tax-xahar u l-awtoritajiet qegħdin kuljum jistennew ħafna aktar feruti mill-ġlied li qed isir f'Kassassin u Tel-el-Kebir'*.

Dan ir-rapport bħal donnu ried iserraħ moħħ il-familjari tal-feruti li dawn kienu qed jiġu kkurati sew għax il-gazzetta tispiċċa r-rapport tagħha hekk: '*Huwa ta' sodisfazzjon li ninnutaw li s-suldati qalbiena tagħna qed jieħdu ħsiebhom sew. Dawk li jiftakru l-gwerer ta' Scutari u Krimea jaraw kuntrast kbir fl-arranġamenti preżenti tal-isptarijiet'*.

L- inċiżjoni hija intitolata '*The World in Egypt:The Hospital at Gozo, Malta*'. Għandha qisien ta' 152 x 234mm u dehret f'pagna 345 ta' *Illustrated London News* tat-30 ta' Settembru 1882. Ta' min jgħid li din il-gazzetta kienet fost l-aktar popalari fi żmienha. Minbarra l-ktiba, kienet iġġib ukoll ħafna stampi li kienu jagħmluha ferm attraenti. Il-gazzetta kienet tuża proċess ta' inċiżjoni magħmula fl-injam magħruf bħala *woodcut.* L-artist kien jirriproduċi fuq injama apposta d-disinn li ried jistampa li wara kien jiġi stampat fuq il-paġna tal-gazzetta. Kienet ukoll minn tal-ewwel li bdiet tistampa numri kbar ta' gazzetti bi proċessi moderni ta' stampar.

Meħuda minn "IL-HAJJA F'GHAWDEX" edizzjoni Diċembru 2009.

